MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tat-22 ta' Ottubru, 2009

Numru 646/2009

**Il-Pulizija**
**(Spettur Ramon Mercieca)**
**vs**
**Ryan Vella**

Il-Qorti

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imputat, detentur ta’ karta ta’ l-identita bin-numru 230590 (M).

Akkuzat talli ghall-habta ta 04.30hrs, nhar it-30 ta’ Mejju 2009 gewwa l-Gianupla limiti tar-Rabat (Malta) minghajr il-hsieb li joqtol jew li qieghed il-hajja ta’ haddiehor f’periklu car, kkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha u cioe offiza ta’ natura gravi fil-gisem jew fis-sahha ta’ Nadia Borg u Priscilla Borg, liema hsara tista’ ggib debulizza permanenti fis-sahha jew fil-funzjoni ta’ xi parti tal-gisem jew difett permanenti f’parti ta’ l-ghamla tal-gisem jew inkella marda permamenti tal-mohh, u dan skond ma

ccertifikaw Dr M Agius MD (Reg 3125) u Dr C Borg MD (Reg 5117) mill-isptar Mater Dei Msida u dan bi ksur ta’ l-Artikolu 214 u 216 tal-Kap 9 tal-Ligijie ta’ Malta.

Rat il-kunsens ta’ l-Avukat Generali sabiex il-kawza ssir sommarjament mhux opposta.

Semghet lill-akkuzat jammetti l-akkuza f’liema ammissjoni insista anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkonsidra.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkonsidrat

L-akkuzat hu mixli li kkaguna offizi gravi fuq il-persuna ta’ Nadia Borg u Priscilla Borg. Il-fatti kostatati juru li l-offizi gravi saru fil-waqt li l-akkuzat ta bil-ponn (daqqa ta’ ponn wahda) fuq wicc il-kwwerelanti fejn l-istabbiliment ‘Gianpula’ sit fil-limiti tar-Rabat (Malta). Hu x’inhu l-kaz l-akkuzat irregistra ammissjoni liema ammissjoni hija wahda volontarja u inkondizzjonata.

Issa c-certifikati medici esebiti juru li l-offiza gravi hi tali billi kkoncentrata fil-wicc fejn hu allegat gabet mankament jew sfregju.

Minn dak li kkostatat din il-Qorti ‘icto occuli’ pero jirrizulta li l-offiza gravi taqa’ fil-parametri tas-sub artikolu 2 tal-Artikolu 216.

Ghalhekk taqta’ u tiddeciedi billi wara li rat l-Artikolu 216 tal-Kap 9 fil-waqt li ssib lill-akkuzat hati tilliberah bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap 446 bil-kundizzjoni lima jaghmilx reat iehor fi zmien tliet snin millum.

Tapplika wkoll kontra l-akkuzat l-Artikolu 383 et seq tal-Kap 9 u torbtu li ma jkellimx jew jimmolesta mod iehor lil Nadia Borg u Priscilla Borg ghal zmien sena millum taht penali ta’ 2300 Euro.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------